MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 9/2005/1

Rikors Nru: 9/2005

Anna Abela (ID 506255 M), Maureen Crossey Passport No 393016, Caroline Falzon (ID 836852 M) f'isimha proprju u f'isem l-assenti Philip Bradshaw Passaport Numru 553315

vs

Paul Zammit

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2005 fejn esponew:

Illi huma jikru lill-intimat porzjoni diviza tar-raba bl-isem ***Ta' Gnien Merwieq*** limiti Haz-Zebbug tal-kejl ta' cirka disat itmiem (9T) ekwivalenti ghal cirka ghaxart elef mija u sittax metri kwadri (10,116m$^2$) bil-qbiela ta' hdax-il lira u

hamsa u ghoxrin centezmi (Lm11.25) fis-sena jithallas fil-15 t'Awissu b'lura. Pjanta Dok A.

Illi l-esponenti jixtiequ jzidu l-qbiela minn dik ta' Lm11.25 fis-sena ghal elf u tmenin lira (Lm1.080) fis-sena bazat fuq ir-rata ta' Lm120 kull tomna fis-sena b'effett mill-iskadenza tal-15 ta' Awissu 2006.

Illi fil-fehma tal-esponenti dina z-zieda hija gustifikata fil-parametri tal-Artikolu 3(1) (c ) tal-Kap 199 tenut kont tal-kwalita' u profondita' medja tal-hamrija, tal-ilma disponibbli fl-*aquifer,* tal-posizzjoni, tal-accessibilita' ghat-triq u distanza mir-rahal.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu li dan il-Bord jilqa' t-talba ghat-tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kirja jawtorizza z-zieda mitluba fil-qbiela ghal Lm1,080 fis-sena b'effett mill-iskadenza tal-15 t'Awissu 2006.

Bl-ispejjez.
Ra r-risposta pprezentata mill-intimat Paul Zammit fit-23 ta' Settembru 2005 fejn espona:

1. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom u jesebixxu l-awtorizzazzjoni ta' Philip Bradshaw.

2. Fil-meritu l-kondizzjonijiet godda li jridu jimponu r-rikorrenti mhumiex legalment gustifikati, u l-ammont pretiz minnhom huwa ezagerat u sproporzjonat tenut kont tac-cirkostanzi kollha msemmija fl-artikolu 3 (2) (c ) tal-Kap 199.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tal-14 ta' Novembru 2005 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-Prokuratur Legali Anthony Mifsud.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Ikkunsidra:

Giet prezentata prokura ta’ Philip John Bradshaw favur ohtu (fol 8-9).

Il-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport ta’ l-imsemmija periti li wara li ghamlu access u ghamlu l-konstatazzjonijiet taghhom iffissaw il-qbiela fl-ammont ta’ Lm46 fis-sena.

Jiffissa l-qbiela fl-ammont ta’ Lm46 fis-sena pagabbli kull 15 t’Awissu b’lura. Billi r-rikors gie prezentat fis-27 ta’ Lulju, 2005 meta l-ligi specjali titlob li talba bhal din trid tigi prezentata mhux aktar tard minn tlett xhur qabel id-data li fiha t-terminu jaghlaq (art 3(1) tal-Kap 199) l-ewwel skadenza fil-15 ta’ Awissu, 2006, kif mitlub. Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------